








Għaqda Storika Kulturali , Marsa

Raymond Montebello - President

## L-Era Rumana

Ir-Rumani komplew jistabilixxu dawn il-gżejjer Maltin bħalma għamlu ta' qabilhom, il-Feniċi u l-Kartaġiniżi, billi żviluppaw aktar dawn l-inħawi, l-iktar dawn id-daħliet tal-Marsa, għax raw kemm kienu ta' kenn u ta' fejda. Taħt l-għolja tal-Qortin, fejn illum għad hemm milli fadal mill-Power Station, li tiġi promontorju bejn iż-żewġ daħliet, inbnew għadd ta' binjiet, bjar u mħażen Rumani. Dan nafuh minn sejbiet ta' fdalijiet li nkixfu bejn l-1766 u l-1768 fi żmien il-Gran Mastru Emanuel Pinto. Dawn is-sejbiet kienu jikkonsistu f'bini ta' kmamar bil-qisien ta' 115-il-pied u 100 pied b'65 pied. Il-Markiż Carlantonio Barbaro kien wera interess f'din is-sejba u ddokumentaha fi ktieb fl-1794. Fost is-sejbiet f'dan il-lok kien hemm mal-200 ġarra b'ittri Griegi u Rumani tal-inbid u żjut flimkien ma' muniti li jvarjaw mit-tielet seklu qabel Kristu sal-aħħar żminijiet tal-imperu. Instabu banjijiet, għadd ta' kolonni u bust tal-irħam. L-għadd ta' oqbra li nstabu f'dawn l-inħawi jurina li l-popolazzjoni bdiet tistabilixxi ruħha lejn dawn in-naħat, l-iktar lejn l-inħawi tal-port fejn il-kummerċ kien beda joktor aktar. Jingħad ukoll li f'dawn l-inħawi kien hawn komunità ta' sajjieda.

L-istoriku Gian Franġisk Abela jsemmi lapida b'kitba li tgħid li t-tul tal-moll kien ta' 1,500 pass magħmul mir-Rumani. Kien jidher li dawn l-inħawi kienu attrezzati ħafna. Bini ta' moll mibni b'ġebel kbir instab fin-naħa ta' isfel u aktarx li t-toroq kollha għall-imħażen kienu jibdew minn hemm. Is-sejbiet ta' fdalijiet ta' ħitan b'ġebel kbir fi Triq it-Tiġrija lejn Triq l-Istalel, jindikaw li l-baħar kien jasal s'hemm ġew nett fejn illum hemm il-Marsa Sports Grounds. Skont l-istoriku Gian Franġisk Abela aktarx li f'dawn l-inħawi kien jeżisti ċimiterju Grieg. Riċentement, fix-xitwa tal-2016, ftit 'l isfel mill-uffiċini tal-Posta Ltd, aħna u neżlin lejn Ħal Qormi, f'għalqa fil-ġenb instabet prova ċara kemm il-port tal-Marsa kien jibqa' dieħel s'hemm ġew. Għadd ta' fdalijiet ta' kanali u pedamenti ta' kanali ta' żmien ir-Rumani nstabu waqt xogħol ta' tħammil. F'dan il-lok instab ukoll ġibjun tal-ilma msaqqaf bl-arkati.

### Katakombi Kristjan

It-tkattir tal-port mhux biss ġibed lejh popolazzjoni mdaqqsa li stabilixxiet ruħha u sorġiet fil-Marsa, iżda anki l-kult

*ikompli f'paġna 119*

nisrani li sab l-għeruq tiegħu fil-Marsa. F'Mejju tal-1874, fit-tramuntana tan-niżla tal-Għolja tal-Ġiżwiti, instab katakombi Kristjan tal-ewwel żminijiet. Kien fih 43 qabar u fih instabet lapida li jingħad li tmur lura għall-ħames jew is-sitt seklu wara Kristu. Fiha hemm minqux xini u kitba li bil-Malti. Il-pjanta ta' dan il-katakombi ġiet ippreżentata lill-Mużew tal-Arkeoloġija.



Fejn darba kien hemm il-Power Station u issa għad fadal xi makkinarju, kien instab katakombi ieħor b'għadd ta' skeletri u fuħħar. Kien jidher li dan il-lok kien ġa minsus qabel ma nstab. Dan il-katakombi, bħal ħafna fdalijiet oħra f'dawn l-inħawi, ġie miknus mill-iżvilupp u l-progress tal-bniedem.

## Moll Ruman

Din l-evidenza li l-Marsa kienet port u forsi anki baċir ta' żmien ir-Rumani, tat il-provi tagħha fis-sejba li saret fis-sena 2005 f'Xatt il-Mollijiet ħdejn il-Baħar tal-Mesħun, eks Depot tat-tramm. Hawnhekk, waqt xogħol għall-ilqugħ mill-ilma tal-għargħar, tfaċċaw blokki ta' ġebel kbir li kien jindika li kien parti minn moll Ruman. Ta' interess ukoll f'dan il-lok kien meta waqt xogħol li kien qiegħed isir fl-1904 biex jittella' bini ta' mħażen u Depot għat-tramm, kien instab ġibjun imdaqqas iċċangjat, b'arkata wieqfa fin-nofs. B'hekk nistgħu ngħidu li dan il-moll Ruman kien attrezzat bil-ħtiġijiet neċessarji li port seta' kellu. Id-daħliet kennija tal-Port il-Kbir kienu mbierka mill-eqdem żminijiet. F'kull rokna tal-portijiet fil-Marsa dejjem instab xi fdal li jixhed dan. Lejn in-naħa tal-Menqa, waqt xogħol ta' skavar għar-riġenerazzjoni ta' Triq Diċembru 13 biex taqdi t-trafikku lejn ix-xatt ta' Pinto, instab fdal ta' ċimiterju Musulman ta' żmien l-Ordni imma s-sorpriża kienet li taħt dan iċ-ċimiterju xi darba kien jeżisti fdal ta' port Ruman ieħor b'ġibjun u ċangaturi. Il-Marsa kienet port mill-qedem, għadha sservi ta' port u nittamaw li tibqa' sservi ta' port għall-ġid ta' Malta.



***Fdalijiet ta' midfen musulman li nstabu taħt Ġnien Spencer waqt xogħol fi Triq Diċembru13 viċin il-Menqa***